SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

12 ta' Mejju 2016 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 2(1)(ċ) u Artikolu 9(1) — Persuni taxxabbli — Attivitajiet ekonomiċi — Kunċett — Trasport skolastiku"

Fil-Kawża C-520/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Novembru 2014, fil-proċedura

**Gemeente Borsele**

vs

**Staatssecretaris van Financiën**

u

**Staatssecretaris van Financiën**

**vs**

**Gemeente Borsele,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, F. Biltgen, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Novembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gemeente Borsele, minn D. Bos u A. T. M. Joore-van Zanten, belastingadviseurs,

— għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. Bulterman, M. Gijzen u M. Noort, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn V. Kaye u S. Simmons, bħala aġenti, assistiti minn R. Hill, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios u G. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Diċembru 2015,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1)(ċ) u tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Geemente Borsele (muniċipalità ta' Borsele) u l-iStaatssecretaris van Financiën (Segretarju tal-Istat għall-Finanzi) dwar id-dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") invokat minn din il-muniċipalità.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-VAT jipprovdi li għandha tkun suġġetta għall-VAT:

"il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali".

4 L-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

5 L-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra rregolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet jew transazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet.

Iżda, meta jidħlu biex jagħmlu dawn l-attivitajiet jew transazzjonijiet, huma għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet fejn it-trattament tagħhom bħala persuni mhux taxxabbli jikkawża distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

F'kwalunkwe każ, korpi rregolati mid-dritt pubbliku għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I, sakemm dawk l-attivitajiet ma jkunux twettqu fuq skala tant żgħira li jkunu insinifikanti."

6 Intitolat “Lista ta’ l-attivitajiet imsemmija fit-tielet subparagrafu ta’ l-Artikolu 13(1)”, l-Anness I tal-istess direttiva jsemmi, fil-punt 5 tiegħu, it-“trasport ta’ passiġġieri”.

7 Skont l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-VAT:

“Fir-rigward tal-provvista ta’ merkanzija jew servizzi, minbarra kif imsemmi fl-Artikoli 74 sa 77, l-ammont taxxabbli għandu jinkludi dak kollu li jikkostitwixxi ħlas miksub jew li għandu jinkiseb mill-fornitur, għall-provvista, mill-konsumatur jew parti terza, inklużi s-sussidji marbuta direttament mal-prezz tal-provvista.”

*Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi*

8 Intitolat “Spejjeż tat-trasport skolastiku”, l-Artikolu 4 tal-Wet op het primair onderwijs (Liġi dwar l-edukazzjoni primarja) jipprovdi:

“1. Għall-finijiet tal-edukazzjoni skolastika, is-sindku u l-membri tal-kunsill għandhom jieħdu, fuq talba, fil-konfront tal-ġenituri tal-istudenti li jirrisjedu fit-territorju tal-muniċipalità tagħhom, responsabbiltà għall-ispejjeż tat-trasport li huma jqisu neċessarji. Il-kunsill tal-muniċipalità għandu jadotta regolament li jistabbilixxi l-modalitajiet ta’ dan it-teħid ta’ responsabbiltà, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi segwenti.

[...]

4. Ir-regolament għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni li tista’ raġonevolment tintalab mingħand il-ġenituri u għandu jipprevedi li t-trasport jista’ jitwettaq b’mod adegwat għall-istudent. Ir-regolament għandu jiddetermina l-modalitajiet ta’ kif is-sindku u l-membri tal-kunsill jikkonsultaw esperti fil-qasam.

5. Ir-regolament għandu jipprevedi teħid ta’ responsabbiltà għall-ispejjeż tat-trasport fuq id-distanza bejn id-dar tal-istudent u

(a) l-eqreb skola primarja li hija aċċessibbli għalih jew, jekk l-istudent ikollu jattendi skola primarja speċjalizzata, l-eqreb skola primarja speċjalizzata li hija aċċessibbli għalih,

(b) skola primarja ordinarja jew speċjalizzata oħra jekk it-trasport lejn din l-iskola jirrappreżenta, għall-muniċipalità, nefqa iżgħar minn dik tat-trasport lejn l-iskola primarja ordinarja jew speċjalizzata msemmija fil-punt (a) u jekk il-ġenituri jaċċettaw it-trasport lejn din l-iskola l-oħra,

(c) l-eqreb skola primarja speċjalizzata aċċessibbli għall-istudent fil-kumpless skolastiku tal-iskola primarja li minnha jkun ħareġ jekk il-ġenituri jaċċettaw it-trasport lejn din l-iskola primarja speċjalizzata, jew

(d) skola primarja speċjalizzata oħra tal-kumpless skolastiku msemmi fil-punt (c) jekk it-trasport lejn din l-iskola jirrappreżenta, għall-muniċipalità, nefqa iżgħar minn dik tat-trasport lejn l-iskola primarja speċjalizzata msemmija fil-punt (1) u jekk il-ġenituri jaċċettaw it-trasport lejn din l-iskola l-oħra.

[...]

7. Ir-regolament jista’ jipprevedi, għall-ġenituri li d-dħul akkumulat tagħhom jaqbeż EUR 17.700, li t-teħid ta’ responsabbiltà għandu jingħata biss sa fejn l-ispejjeż tat-trasport jaqbżu l-ispejjeż tat-trasport pubbliku fuq id-distanza ffissata mill-kunsill tal-muniċipalità fuq il-bażi tal-paragrafu 8, liema distanza ma tistax tkun ta’ iktar minn 6 kilometri. Il-kalkolu tad-dħul għandu jkun ibbażat fuq

id-dħul irċevut matul it-tieni sena ċivili li tippreċedi dik li matulha tibda s-sena skolastika li fir-rigward tagħha jintalab it-teħid ta' responsabbiltà. L-ispejjeż tat-trasport pubbliku msemmija fl-ewwel sentenza jikkorrispondu għall-ispejjeż tat-trasport pubbliku li jkunu raġonevolment dovuti għad-distanza vjaġġata, fid-dawl tas-separazzjoni f'żoni magħmula fir-regolament ibbażat fuq l-Artikolu 27(1) tal-Liġi dwar it-trasport ta' passiġġieri, irrispettivament mill-preżenza ta' trasport pubbliku jew l-użu effettiv tiegħu. Fil-każ li jkun japplika l-paragrafu 10, ir-regolament għandu jipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja mill-ġenituri kkalkolata konformement mat-tielet sentenza. B'effett mill-1 ta' Jannar 1999, l-ammont imsemmi fl-ewwel sentenza għandu jiġi aġġustat kull sena skont l-evoluzzjoni fl-indiċi tas-salarji kuntrattwali tal-ħaddiema adulti meta mqabbla mas-sena preċedenti, u mbagħad għandu jiġi arrotondit għal multiplu ta' EUR 450. L-ammont aġġustat għandu jieħu post l-ammont imsemmi fl-ewwel sentenza.

8. Ir-regolament jista' jipprevedi li ma hemmx dritt għal teħid ta' responsabbiltà fuq il-bażi tad-distanza bejn l-iskola aċċessibbli għall-istudent u r-residenza tiegħu, imkejla skont l-iktar vjaġġ qasir li jkun suffiċjentement prattikabbli u sikur għall-istudent.

[...]

10. Ir-regolament jista' jipprevedi li l-muniċipalità għandha tiżgura hija stess it-trasport jew li għandha tikkummissjonah, minflok ma tieħu responsabbiltà fi flus.

11. Ir-regolament jista' jipprevedi, għall-istudenti li fir-rigward tagħhom id-distanza msemmija fil-paragrafu 5 tkun ta' iktar minn 20 kilometru, li l-ammont tat-teħid ta' responsabbiltà jiddependi mill-kapaċità kontributorja tal-ġenituri jew li t-trasport żgurat jew ikkummissjonat mill-muniċipalità jitwettaq bil-ħlas ta' kontribuzzjoni li tiddependi mill-kapaċità kontributorja tal-ġenituri u li ma tistax tkun ta' iktar mill-ammont tal-ispejjeż tat-trasport tal-istudent ikkonċernat. F'dan il-każ, ir-regolament għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tal-kapaċità kontributorja tal-ġenituri. L-ewwel sentenza ma tapplikax għall-istudenti tal-iskejjel primarji speċjalizzati li jirrisjedu f'distanza ta' iktar minn 20 kilometru mill-eqreb skola primarja speċjalizzata pubblika jew privata.

[...]"

9 Skont l-Artikolu 4(1) tal-wet op de expertisecentra (Liġi dwar iċ-ċentri ta' kompetenza), ir-"regolament għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni li tista' raġonevolment tintalab mingħand il-ġenituri u għandu jipprevedi li t-trasport jista' jitwettaq b'mod adegwat għall-istudent, bil-kundizzjoni li l-istudenti fl-iskejjel sekondarji speċjalizzati jistgħu jitolbu teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż tat-trasport biss jekk ikollhom jużaw, minħabba d-diżabbiltà tagħhom, mezz ta' trasport differenti mit-trasport pubbliku u jekk, minħabba d-diżabbiltà tagħhom, ma jkunux jistgħu jivvjaġġaw b'mod awtonomu fuq it-trasport pubbliku".

10 Il-Verordening leerlingenvervoer gemeente Borsele 2008 (regolament tal-muniċipalità ta' Borsele, tas-sena 2008, dwar it-trasport skolastiku) jipprevedi, b'mod partikolari:

— għall-vjaġġi ta' distanza inqas minn 6 kilometri, ma hemmx teħid ta' responsabbiltà għat-trasport skolastiku,

— għall-vjaġġi ta' distanza bejn 6 kilometri u 20 kilometru, it-trasport skolastiku għandu jiġi pprovdut bil-ħlas, mill-ġenituri tal-minuri ttrasportat, ta' kontribuzzjoni ta' ammont iffissat f'livell ekwivalenti għall-prezz tat-trasport pubbliku għal distanza ta' 6 kilometri.

— għall-vjaġġi ta' distanza ta' iktar minn 20 kilometru, it-trasport skolastiku għandu jiġi pprovdut bil-ħlas ta' kontribuzzjoni li ma tistax tkun ogħla mill-kost ta' dan it-trasport, ikkalkolata, għal kull familja, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet kontributorji tal-ġenituri, fuq il-bażi tad-dħul akkumulat tal-ġenituri, wara tnaqqis, fis-sens tal-Liġi tal-2001 dwar it-taxxa fuq id-dħul.

## It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Il-muniċipalità ta' Borsele tagħmel użu, għat-trasport skolastiku tal-istudenti li huma intitolati għalih, mis-servizzi ta' impriżi ta' trasport. F'dan ir-rigward, għas-sena 2008, hija ħallset is-somma ta' EUR 458 231, inkluża l-VAT.

12 Konformement mad-dispożizzjonijiet tar-regolament tal-muniċipalità ta' Borsele, tas-sena 2008, dwar it-trasport skolastiku, madwar terz mill-ġenituri tal-istudenti li jibbenefikaw mit-trasport skolastiku ħallsu kontribuzzjonijiet li l-ammont totali tagħhom, li jikkorrispondi għal 3 % tas-somom imħallsa minn din il-muniċipalità sabiex tiffinanzja s-servizzi tat-trasport skolastiku, kien ta' EUR 13.958. Il-bilanċ kien iffinanzjat mill-imsemmija muniċipalità permezz ta' fondi pubbliċi.

13 Quddiem l-awtoritajiet fiskali, il-muniċipalità ta' Borsele sostniet li kienet suġġetta għall-ħlas tal-VAT fir-rigward tal-provvista tas-servizzi ta' trasport skolastiku bil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet u, għaldaqstant, li setgħet tnaqqas minn dan il-ħlas il-VAT li kienet iffatturatha mit-trasportaturi. Dan l-argument inċaħad minħabba li din il-muniċipalità ma kinitx tipprovdi servizzi bi ħlas u għalhekk ma kinitx teżerċita attività ekonomika.

14 F'deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2009, l-awtoritajiet fiskali stabbilixxew l-ammont dovut mill-fond ta' kumpens tal-VAT lill-muniċipalità ta' Borsele, fir-rigward tas-sena 2008, mingħajr ma inkludew, f'dan l-ammont, il-VAT li din il-muniċipalità kienet ġiet iffatturata mit-trasportaturi.

15 Il-muniċipalità ta' Borsele ppreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem ir-rechtbank te 's-Gravenhage (qorti ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi). Dan ir-rikors ġie miċħud, bħala infondat, permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Diċembru 2010. Il-muniċipalità ta' Borsele ppreżentat appell quddiem il-Gerechtshof te 's-Gravenhage (qorti tal-appell ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi), li, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' April 2012, annullat din l-aħħar deċiżjoni kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet fiskali. Il-muniċipalità ta' Borsele u s-Segretarju tal-Istat għall-Finanzi ppreżentaw it-tnejn li huma appell separat fil-kassazzjoni, kontra d-deċiżjoni tal-Gerechtshof te 's-Gravenhage (qorti tal-appell ta' Den Haag), quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi).

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-parti inizjali tal-Artikoli 2(1), l-Artikolu 2(1)(ċ) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva [tal-VAT] għandhom jiġu interpretati fis-sens li Komun għandu jiġi kklassifikat bħala persuna taxxabbli fis-sens ta' din id-direttiva fir-rigward tat-trasport skolastiku, minħabba regolament komunali bħal dak deskritt fit-talba għal deċiżjoni preliminari?

2) Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni r-regolament komunali kollu jew għandha ssir evalwazzjoni separata għal kull servizz ta' trasport ipprovdut?

3) Fil-każ li kull evalwazzjoni għandha ssir separatament għandha ssir distinzjoni bejn it-trasport ta' studenti fuq distanza ta' bejn 6 u 20 kilometru u dak fuq distanza ta' iktar minn 20 kilometru?"

## Fuq id-domandi preliminari

17 Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li kollettività territorjali, li tipprovdi servizz ta' trasport skolastiku, f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taġixxix bħala persuna taxxabbli u jekk hijiex għalhekk suġġetta għall-VAT.

18 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-VAT, hija meqjusa bħala "persuna taxxabbli" kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq, fi kwalunkwe post, attività ekonomika, irrispettivament mill-iskop jew mir-riżultati ta' din l-attività.

19 Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk, fil-kuntest tal-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kollettività territorjali taġixxix bħala persuna taxxabbli, għandu jiġi ddeterminat jekk din tal-aħħar teżerċitax attività ekonomika fis-sens tad-Direttiva tal-VAT.

20 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jipprovdi li hija meqjusa bħala "attività ekonomika" kwalunkwe attività ta' produttur, ta' kummerċjant jew ta' fornitur ta' servizzi, inklużi l-attivitajiet fil-minjieri, fl-agrikoltura u dawk tal-professjonijiet liberali jew assimilati.

21 Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha, attività tista' tiġi kklassifikata bħala attività ekonomika fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni fil-każ biss li tikkorrispondi għal waħda mit-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-VAT.

22 F'dan il-każ, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-trasport skolastiku żgurat minn muniċipalità f'kundizzjonijiet bħal dawk tal-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxix attività ekonomika fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva, għandu għaldaqstant jiġi stabbilit, fl-ewwel lok, jekk, fil-kuntest tal-organizzazzjoni ta' dan it-trasport skolastiku, din il-muniċipalità wettqitx tranżazzjoni ta' provvista ta' servizzi prevista fl-Artikolu 2(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva.

23 Sa fejn l-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha jippermettu li jitqies li fil-kawża prinċipali hija effettivament involuta prestazzjoni ta' servizzi, għandu jiġi vverifikat jekk din il-prestazzjoni tistax titqies li qiegħda tiġi pprovduta mill-imsemmija muniċipalità bi ħlas, kif jeżiġi l-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-VAT.

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, prestazzjoni ta' servizzi titwettaq "bi ħlas", fis-sens tal-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-VAT, u għalhekk tkun taxxabbli, fil-każ biss li bejn il-fornitur u l-benefiċjarju jkun hemm relazzjoni legali li fil-kuntest tagħha jiġu skambjati prestazzjonijiet reċiproċi, fejn il-ħlas li jirċievi l-fornitur jikkostitwixxi l-korrispettiv effettiv tas-servizz ipprovdut lill-benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Marzu 1994, Tolsma, C-16/93, EU:C:1994:80, punt 14; tal-5 ta' Ġunju 1997, SDC, C-2/95, EU:C:1997:278, punt 45, u tas-26 ta' Ġunju 2003, MKG-Kraftfahrzeuge-Factoring, C-305/01, EU:C:2003:377, punt 47).

25 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-kontribuzzjoni mill-ġenituri għall-ispejjeż tat-trasport skolastiku ma hijiex ikkalkolata fuq il-bażi tal-ispejjeż reali tas-servizzi pprovduti. Fil-fatt, l-ammont ta' din il-kontribuzzjoni mill-ġenituri la huwa marbut man-numru ta' kilometri mwettqa kuljum, la mal-kost għal kull vjaġġ għal kull student ittrasportat, u lanqas mal-frekwenza tal-vjaġġi.

26 Madankollu, il-fatt li tranżazzjoni ekonomika titwettaq bi prezz ogħla jew iżgħar mill-kost huwa irrilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' tranżazzjoni bħala "tranżazzjoni bi ħlas". Fil-fatt, dan il-kunċett tal-aħħar jirrikjedi biss l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-kunsinna ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi u korrispettiv realment irċevut mill-persuna taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 1988, Apple and Pear Development Council,102/86, EU:C:1988:120, punt 12, u tal-20 ta' Jannar 2005, Hotel Scandic Gåsabäck, C-412/03, EU:C:2005:47, punt 22).

27 Għaldaqstant, il-ħlas minn madwar terz tal-ġenituri tal-minuri ttrasportati ta' kontribuzzjoni għat-trasport skolastiku jippermetti li jitqies li l-muniċipalità ta' Borsele wettqet provvista ta' servizzi bi ħlas fis-sens tal-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva tal-VAT.

28 Fit-tieni lok, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punti 49 u 50 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jiġi ppreċiżat li l-eżistenza ta' prestazzjoni ta' servizzi mwettqa bi ħlas fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-VAT.

29 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk provvista ta' servizzi titwettaqx bi ħlas ta' natura tali li din l-attività għandha tiġi kklassifikata bħala attività ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, 235/85, EU:C:1987:161, punt 15), għandhom jiġu analizzati l-kundizzjonijiet kollha li fihom titwettaq din il-provvista (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 1996, Enkler, C-230/94, EU:C:1996:352, punt 27).

30 B'hekk, il-paragun bejn il-kundizzjonijiet li fihom il-persuna kkonċernata twettaq il-provvista ta' servizzi inkwistjoni u l-kundizzjonijiet li fihom din it-tip ta' provvista ta' servizzi normalment titwettaq jista' jikkostitwixxi wieħed mill-metodi li jippermettu li jiġi vverifikat jekk l-attività kkonċernata tikkostitwixxix attività ekonomika (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 1996, Enkler, C-230/94, EU:C:1996:352, punt 28).

31 Elementi oħra, bħalma huma, b'mod partikolari, id-daqs tal-klijentela u l-ammont tad-dħul, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll, flimkien ma' elementi oħra, fil-kuntest ta' dan l-eżami (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 1996, Enkler, C-230/94, EU:C:1996:352, punt 29).

32 Għalkemm huwa minnu li, fl-aħħar mill-aħħar, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-informazzjoni kollha dwar il-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tipprovdi risposti utli lill-qorti nazzjonali, għandha l-kompetenza sabiex tagħti indikazzjonijiet, misluta mill-proċess ta' din il-kawża kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali ppreżentati quddiemha, li jkunu ta' natura li jippermettu lil din l-istess qorti tiddeċiedi dwar it-tilwima konkreta li jkollha quddiemha.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, minn naħa, li l-muniċipalità ta' Borsele, permezz tal-kontribuzzjonijiet miġbura minnha, tirkupra biss parti żgħira ħafna mill-ispejjeż tagħha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex dovuti minn kull utent u kienu tħallsu biss minn terz minnhom, tant li l-ammont tagħhom ikopri biss 3 % mit-totalità tal-ispejjeż tat-trasport, bil-bilanċ iffinanzjat minn fondi pubbliċi. Tali differenza bejn l-ispejjeż tal-funzjonament u l-ammonti miġbura bħala korrispettiv għas-servizzi offerti hija ta' natura li tissuġġerixxi li l-kontribuzzjoni mill-ġenituri għandha tiġi ekwiparata iktar ma' tariffa milli ma' ħlas (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-246/08, EU:C:2009:671, punt 50).

34 B'hekk, minn tali nuqqas ta' simetrija tirriżulta assenza ta' rabtiet reali bejn is-somma mħallsa u l-provvista ta' servizzi mogħtija. Għaldaqstant, ma jidhirx li r-rabta bejn is-servizz ta' trasport ipprovdut mill-imsemmija muniċipalità u l-korrispettiv li għandu jitħallas mill-ġenituri għandha n-natura diretta meħtieġa sabiex dan il-korrispettiv ikun jista' jitqies bħala korrispettiv li jikkostitwixxi ħlas għal dan is-servizz u sabiex dan tal-aħħar jitqies li huwa attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-VAT (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-246/08, EU:C:2009:671, punt 51).

35 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li l-kundizzjonijiet li fihom titwettaq il-provvista ta' servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma differenti minn dawk li fihom normalment jitwettqu l-attivitajiet ta' trasport ta' passiġġieri peress li l-muniċipalità ta' Borsele, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tagħha, ma toffrix provvisti ta' servizzi fuq is-suq ġenerali tat-trasport ta' passiġġieri, iżda iktar tidher li hija benefiċjarju u konsumatur finali ta' provvisti ta' trasport li hija takkwista mingħand impriżi tat-trasport li tinnegozja magħhom u li hija tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ġenituri ta' studenti fil-kuntest tal-attività tagħha ta' servizz pubbliku.

36 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju hija li l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li kollettività territorjali, li tipprovdi servizz ta' trasport skolastiku, f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma teżerċitax attività ekonomika u għalhekk ma għandhiex il-kwalità ta' persuna taxxabbli.

## Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla), taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li kollettività territorjali, li tipprovdi servizz ta' trasport skolastiku, f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma teżerċitax attività ekonomika u għalhekk ma għandhiex il-kwalità ta' persuna taxxabbli.**

Firem